# NAXXAR

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 38 – IT-TLIETA, 10 TA' DIĊEMBRU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużati: | Maria Vella | Membru |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 37 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Is-SE qassam kopja tal-kodiċi ta' etika stampata avolja kien diġà bagħat kopja diġitali kif mitlub mid-Dipartiment.

2.2. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-kumplament tal-Kumitat li tresqitilha talba mingħand l-għaqda tal-muturi sabiex bejn 12pm ta' nhar l-14 ta' Diċembru 2013 sal-5pm ta' nhar il-15 ta' Diċembru 2013, ma jsirx parkeġġ fuq l-ebda naħa ta' Triq Xatt il-Palm. Ir-raġuni l-għaliex għamlu t-talba hi li bil-karozzi pparkjati, tkun diffiċli għas-sewwieqa tal-muturi speċjalment għat-tfal.

2.3. F'dan id-dawl id-deċiżjoni tal-Kumitat kienet li ma jitħalliex parkeġġ fuq kull naħa tat-triq, mill-Ħadd 15 ta' Diċembru 2013, bejn it-8am u l-5pm u mhux kif mitlub minnhom.

### 3. *CO-OPTION* TA' MEMBRU FIL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet l-ewwel avviċinat lis-Sur Matthew Pullicino biex jimla l-post vakanti tas-Sur Joseph Woods peress li fl-aħħar elezzjoni kien wera interess tant li kkontesta. Però dan ma kienx għadu aktar interessat.

3.2. B'riżultat ta' dan hija avviċinat lil ċertu Joe Micallef li wera interess. Hija għalhekk ipproponiet lis-Sur Micallef biex ikun magħżul biex jimla l-post tas-Sur Woods.

3.3. Kien hemm qbil unanimu mill-Kumitat u hekk dan is-suġġeriment se jgħaddi quddiem il-Kunsill.

### 4. ATTIVITÀ TAL-MILIED

4.1. Iċ-*Chairperson* sostniet li hi flimkien mas-Sinj. Muscat se jiltaqgħu ma' Fr Paul Attard l-għada, l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013 sabiex jiddiskutu l-organizazzjoni tal-attività.

4.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-armar tas-siġra tal-Milied u l-*catering* se jieħu ħsiebhom Fr Paul Attard.

4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandhom jeħlu tmien disinni fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. L-ispejjeż għal dan id-dawl se jinħareġ mill-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv u għalhekk jibqgħu għall-użu ta' BIC.

**5. ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI**

5.1. Is-Sinj. Cuomo nfurmat li l-Ġnien reġgħa beda jixgħel kif suppost. Dan wara li l-Kunsill kien ilu jikteb lill-Perit Anton Camilleri minn Novembru 2013.

5.2. Iċ-*Chairperson* żiedet tgħid li l-funtana baqgħet bil-ħsara.

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kumitat ma jistax jaċċetta li jieħu r-responsabiltà tal-Ġnien meta ma għandux il-finanzjament meħtieġ għaż-żamma u l-manutenzjoni tiegħu.

5.4. Is-Sur Bonello semma siġra li se taqa' kif ukoll l-*inspection boxes* tal-arbli li tgħattew bit-*tape*.

5.5. Is-Sur Bonello qal ukoll li xi ħadd avviċinah u infurmah li ż-żewġt itfal ta' persuni partikulari għamlu xi vandaliżmu fil-Ġnien. Madanakollu ħadd ma kien lest li jixhed dan u għalhekk din kienet biss allegazzjoni li ma tistax tkun konfermata uffiċjalment u ma jistgħu jittieħdu ebda passi fil-konfront ta' dawn it-tfal.

5.6. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo ssuġġeriet sabiex titqassam ittra lir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn jingħad li fil-Ġnien qiegħed isir il-vandaliżmu u li kulħadd għandu d-dmir li jirrapporta jekk ikunu xhieda ta' dan. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suġġeriment.

**6. RAPPORT FINANZJARJU**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għadda ir-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat.

6.2. Ġiet innotatha l-ispiża li l-Kumitat kien ħallas lis-Central Asphalt Ltd fir-rigward tal-*crash barriers* fi Trejqet Qalet Marku. Huma wrew ix-xewqa sabiex jivverifikaw jekk il-*crash barriers* kinux biss mikrija jew mixtrija.

6.3. Ir-rapport kien approvat.

**7. ILMENTI**

7.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet id-dewmien tal-installazzjoni tat-tliet bozoz li għandhom isiru f'Baħar iċ-Ċagħaq. Ġie spjegat li l-kuntrattur ġie nfurmat b'dan, fejn min-naħa tiegħu nforma lill-Kunsill li kellu jagħmel tali xogħol mill-aktar fis.

**8. TMIEM IL-LAQGĦA**

8.1. Is-SE staqsa jekk il-Kumitat kienx lest li jorganizz l-ikla tal-Milied. Huwa ssuġerixxa li din issir flimkien ma' dik tal-Kunsill. Il-Kumitat qabel.

8.2. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2014 ghal 5:00pm.

8.3. Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**